MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 949/2004/1

**Maria Victoria u Joseph konjugi Borg**

**v.**

**Sindku u Segretarju Ezekuttiv in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Pieta` u b'digriet tal-Qorti tat-30 ta' Marzu 2009, Jessie Fabri giet awtorizzata tidher minflok Santo sive Sunny Attard fil-kwalita` taghha ta' Sindku in rapprezentanza ta' l-istess Kunsill Lokali.**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan l-appell jirrigwarda l-legalita` ta' l-iskema ta' parkeggjar ikkontrollat implimentata mill-konvenut Kunsill Lokali tal-Pieta`, li permezz taghha gew rizervati zoni ghall-parkegg ta' vetturi tar-residenti tal-Pieta` biss.

**2.** Ma hemm in realta` l-ebda kontestazzjoni bejn il-kontendenti fuq il-fatti, li jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. B'decizjoni mehuda fil-laqgha tas-17 ta' Lulju 2002, il-Kunsill Lokali tal-Pieta` approva l-implimentar ta' skema ta' parkeggjar ikkontrollat fil-lokalita` tieghu, fejn certi zoni gew rizervati ghall-parkegg ta' vetturi tar-residenti tal-Pieta` biss. Fost dawn iz-zoni kien hemm Triq Alfred Craig.

2. L-atturi ghandhom licenzja tas-sewqan, pero` ma humiex residenti il-Pieta`.

3. Fit-23 ta' Lulju 2002 inharget tahrika ta' kontravenzjoni lill-attrici, is-sid registrat tal-vettura VIV 515 li kienet parkeggjata fi Triq Alfred Craig, Pieta`, bl-akkuza tkun li pparkeggjat minghajr permess f'zona rizervata. Fil-hin li nharget din it-tahrika l-vettura ma kienitx misjuqa minnha u ma kienitx fil-kontroll taghha.

4. L-attrici naqset li thallas il-penali preskritta, u ghalhekk giet imharrka biex tidher quddiem it-Tribunal Lokali ta' l-Imsida, dwar din l-akkuza.

5. Jidher li la l-attrici u lanqas xi rapprezentant taghha ma dehru ghas-seduta mizmuma mit-Tribunal, u ghalhekk, fit-termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 291[1] tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal qies li l-akkuza mahruga kontra l-attrici kienet giet ammessa.

---

[1] L-Artikolu 7 tal-Kap. 291 jiddisponi *inter alia* hekk: *"... ... (J)ekk persuna li tigi notifikata kif imiss b'tahrika, jew ir-rapprezentant taghha kif jista' jkun minnha awtorizzat bil-miktub, tonqos milli tidher personalment quddiem il-Kummissarju, hija ghandha titqies bhala li tkun ammettiet l-akkuza, u, minkejja kull haga li tinsab fil-Kodici Kriminali, il-Kummissarju ghandu ma' dan jghaddi biex jordna li jsir il-hlas tal-piena u jaghti dawk l-ordnijiet ohra, skond il-kaz, kif provdut fl-artikolu 10(2) fin-nuqqas tal-persuna akkuzata: ... ..."*

6. Sussegwentement l-attrici hallset il-penali ta' ghoxrin lira (Lm20), munita ta' Malta dak iz-zmien, taht protesta sabiex tkun tista' ggedded il-licenzja tal-vettura taghha.

## It-talbiet u l-eccezzjonijiet

**3.** L-atturi talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili:

1. tiddikjara u tiddeciedi li r-registrazzjoni ta' l-ammenda ta' ghoxrin lira (Lm20) imposta fuq l-attrici hija nulla u bla effett peress li hija ma kellhiex il-kontroll tal-vettura numru VIV 515 Rover fit-23 ta' Lulju 2002 fil-11.58a.m. u ma kienitx qed issuqha, stante li l-ligi ma tippermettix *'vicarious liability'* fil-kamp penali;
2. tiddikjara u tiddeciedi illi l-imposizzjoni ta' zona riservata ghar-residenti hija ***'ultra vires'*** is-setghat moghtija lill-Kunsill Lokali li jaghmel 'bye-laws' a tenur ta' l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, minbarra li hija mizura preferenzjali;
3. tiddikjara u tiddeciedi li l-Kunsill Lokali Pieta agixxa ***'ultra vires'*** is-setghat tieghu skond il-ligi fil-konfront ta' l-attur [recte: atturi];
4. tiddikjara nulla u bla effett il-kontravenzjoni numru 071-0736367-1 ghal ipparkjar [recte: parkeggjar] f'zona riservata; u
5. tiddikjara nulla r-registrazzjoni li saret fil-Licensing Office dwar l-ammenda ta' ghoxrin lira (Lm20) imposta fuqu [recte: fuqha].

**4.** Il-Kunsill Lokali Pieta` eccepixxa s-segwenti (ara fol. 10 tal-process):

1. Illi l-ewwel talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi, ai termini tal-artikolu 55(3) tal-Kap. 65, il-persuna li fuqha hija registrata l-vettura hija responsabbli ghar-reat li dwaru kien akkuzat, salv eccezzjonijiet illi setghu jqajmu l-atturi fit-Tribunal Lokali tal-Imsida, quddiem liema Tribunal l-atturi naqsu milli jidhru b'mod illi l-akkuza mahruga giet meqjusa bhala ammessa ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi t-talbiet l-ohra atturi [recte: attrici] huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi s-sinjali kollha meritu tal-kawza saru skond il-ligi u l-Kunsill Lokali tal-Pieta` agixxa entro it-termini tal-ligi;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

**Is-sentenza appellata**

**5.** B'sentenza moghtija fil-31 ta' Jannar 2007, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddecidiet il-vertenza billi, wara li cahdet l-ewwel talba tal-atturi, iddikjarat li l-imposizzjoni ta' zona rizervata ghar-residenti hija ***'ultra vires'*** is-setghat moghtija lill-Kunsill Lokali li jaghmel 'bye-laws' a tenur ta' l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali fuq dan l-aspett, minbarra li hija mizura preferenzjali; iddikjarat u ddecidiet li l-Kunsill Lokali Pieta' agixxa ***'ultra vires'*** is-setghat tieghu skond il-ligi fil-konfront ta' l-attur; iddikjarat nulla u bla effett il-kontravenzjoni numru 071-07367-1 ghal ipparkjar [parkeggjar] f'zona riservata; u ddikjarat nulla r-registrazzjoni li saret fil-Licensing Office dwar l-ammenda ta' l-ghoxrin lira (Lm20) imposta fuqu.

**6.** L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ikkonsidrat:

"Ghalhekk jirrizulta li fit-23 ta' Lulju, 2002 inhareg ***parking ticket offence*** lill-attrici Maria Victoria Borg li kienet ir-***registered owner*** tal-vettura VIV-515 Rover u dan f'Alfred Craig Street, Pieta` ghalkemm il-vettura ma kenitx misjuqa minnha. Minn analizi tac-citazzjoni jemergi car li l-atturi li ghandhom licenzja tas-sewqan skond il-***Motor Vehicle Regulations*** tal-1994 biex isuqu ***light car*** qeghdin jikkontestaw is-setgha tal-Kunsill Lokali tal-Pieta` li jimponi fuq is-sewwieqa zona riservata f'Tal-Pieta` kif ukoll il-hlas li kellu jsir taht protesta sabiex tkun tista' tiggedded il-licenzja tal-imsemmija vettura. Huma jsostnu n-nullita` tal-impozizzjoni tal-imsemmija emenda stante li l-ligi ma tippermettix ***vicarious liability*** fil-kamp penali. Sostnew li l-artikolu 33 tal-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali ma jaghtix is-setgha lill-Kunsill li jimponi zoni rizervati ghar-residenti tal-lokal, u li huma hallsu l-licenzja tas-sewqan bhal sewwieqa ohra fl-istess kategorija u ghalhekk

ghandhom l-istess drittijiet u obbligi tas-sewqan bhas-sewwieqa l-ohra minghajr preferenza jew ghazla ghal trattament preferenzjali u ghalhekk hassew li l-impozizzjoni ta' zona riservata kienet wahda ***ultra vires***.

"Min-naha taghhom il-konvenuti sostnew li t-talba attrici hija infondata ai termini tal-artikolu 55(3) tal-Kap 65 ghax il-persuna li fuqha hija registrata l-vettura hija responsabbli ghar-reat li dwaru kien akkuzat salv eccezzjonijiet li setghu jqajmu l-atturi fit-Tribunal Lokali tal-Msida, quddiem liema Tribunal l-atturi naqsu milli jidhru u l-akkuza giet meqjusa bhala ammessa ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 291. Sostnew li s-sinjali mertu tal-kawza saru skond il-ligi u li l-Kunsill Lokali tal-Pieta` agixxa entro t-termini legali.

"L-attur ghamel enfasi fuq il-fatt li hu hass li kien diskriminat kontra fil-bicca xoghol tal-***parking*** u dan ghaliex sostna li ghandu jkollu l-istess drittijiet bhan-nies li joqghodu tal-Pieta` ghax ihallsu l-istess licenzja u ma hemm l-ebda raguni ghaliex hu ghandu jkun f'pozizzjoni inferjuri minn min joqghod tal-Pieta`. Sostna li l-Kunsill ma kellu ebda awtorita` jaghmel din l-iskema minn fejn ir-residenti tal-Pieta' jkunu privileggjati.

"Min-naha l-ohra l-Kunsill Lokali tal-Pieta` sostna li ma kienx hemm bzonn ta' ***bye-laws*** u permessi mill-Awtorita` tat-Trasport. Sostna li dak li jirregola l-posizzjoni huwa l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali jipprovdi li l-Kunsilli Lokali jistghu jaghmlu sinjali tat-traffiku. Il-Kunsilli Lokali huma regolati bl-Att Dwar il-Kunsilli Lokali tal-1993, u fl-artikolu 33 hemm elenku ta' responsabbiltajiet diretti li ghandu l-Kunsill Lokali. Wahda minn dawn id-disposti tghid li l-Kunsill ikun jista' jirregola l-***parking*** fl-***areas*** tieghu. Semma li kien hemm problema wkoll li r-residenti sabu ruhhom f'sitwazzjoni fejn hemmhekk ma setghux jipparkjaw.

"Hawn il-Qorti trid tezamina l-aspetti legali fl-isfond uman. Infatti ma jistax wiehed ma jqisx l-aspett uman. Min-naha l-Qorti trid tapprezza l-problema tar-residenti tal-Pieta` li jmorru d-dar kull x'hin imorru jsibu vetturi ta' haddiehor

quddiem djarhom; u bl-istess mod ir-residenti tal-Belt; in-nies li joqghodu l-Imdina ghandhom problema simili; Ghawdex ukoll jista' jkollu problemi simili u hafna postijiet ohra. Izda ma tistax il-qorti fuq l-aspett uman ma tqisx il-povru cittadin li gurnata minnhom jidhol il-Belt u jaqla' citazzjoni u ghalhekk imur sal-Hamrun u hemm jaqla' ohra; wara jitla' sa l-Imdina u jaqla' ohra; wara jmur jara lil xi familjari l-isptar u jaqla' ohra ghax dawn il-lokali ghamlu ***parking*** ghar-residenti. Wara li jkun qala' r-raba' citazzjoni jmur id-dar tieghu fejn ma hemmx ***residential parking*** u jsib li ma jistax jipparkja ghax hemm nies mill-Belt, minn tal-Pieta`, mill-Hamrun, mill-Mdina ecc – il-qorti tista' timmagina l-espressjoni ta' din il-persuna! Jekk inkomplu hekk mhux ser inkunu cittadini ta' Malta izda xi sittin pajjiz ghax povru hu min ma jaghmilx il-***parking*** ghar-residenti. Jew ser ikun hemm regoli ghal kullimkien jew imkien.

"Izda bhala qorti l-obbligu hu aktar l-aspett legali ghax l-aspett uman jispetta aktar lill-politiku li jaghmel dawn l-evalwazzjonijiet. L-ewwel talba ta' l-atturi hija n-nullita` ta' l-ammenda peress li l-attrici ma kellhiex il-kontroll tal-vettura u ma kienitx qed issuqha, stante li l-ligi ma tippermettix '*vicarious liability'* fil-kamp penali. Izda l-qorti hawn trid thares lejn l-artikolu 55 (3) tal-Kap 65 fejn il-persuna li fuqha hija registrata l-vettura hija responsabli ghar-reat li dwaru kien. Ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali r-responsabbilta' hija personali l-atturi lanqas biss ippruvaw jattakkaw id-dispost tal-ligi dwar dan. Dan l-artikolu jezisti u ghalkemm l-atturi setghu agixxew mod iehor ghazlu din il-procedura. Ghalhekk il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tichad l-ewwel talba.

"It-talbiet l-ohra jsemmu li l-impozizzjoni ta' zona riservata ghar-residenti hija '***ultra vires***' is-setghat moghtija lill-Kunsill Lokali li jaghmel 'bye-laws' a tenur ta' l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, minbarra li hija mizura preferenzjali, u ghalhekk ghandu jigi dikjarat li l-Kunsill Lokali Pieta` agixxa '***ultra vires'*** is-setghat tieghu skond il-ligi fil-konfront ta' l-attur bil-konsegwenti nullita` tal-kontravvenzjoni ghal ipparkjar f'zona riservata, u nullita` tar-registrazzjoni li saret fil-Licensing Office. Jinkombi

ghalhekk fuq il-qorti li tezamina jekk dak li sar kienx a tenur tal-ligi.

"Il-ligi dwar il-Kunsilli Lokali taghti s-setgha lill-Kunsilli li jaghmlu bye-laws a tenur tal-Att XV tal-1993. Izda dan ma jwassalx ghad-dritt ta' trattament differenti ta' cittadini maltin. Veru li l-Kunsilli Lokali jistghu jaghmlu sinjali tat-traffiku izda dan ma jghidx li cittadini maltin jistghu jigu trattati b'mod differenti. Ma kien hemm ebda permess tal-ADT dwar dawn ir-regoli. Dak li ghamel il-Kunsill ma kienx semplicement sinjal tat-traffiku bhal tabelli fit-toroq u sinjali fl-art biex jirregola c-cirkolazzjoni tat-traffiku APPLIKABBLI GHAL KULHADD. Zona riservata tista' tkun gustifikata bhala mizura ta' sigurta` [minhabba interess pubbliku parking ta' vetturi tal-Bank bil-flus, jew banka tal-lottu, jew tfal li jattendu skola] jew fuq bazi umanitarju [ghal persuni b'dizabilita`]. Izda dak li ghamel il-Kunsill kien li javvantagga lir-residenti ta' lokalita` fuq dawk ta' lokalita` ohra u ma hemm ebda interess pubbliku. Inoltre l-artikolu 33 tal-Att XV tal-1993 [Kap 363] jsemmi:

"(*a*) li jipprovdi biex tinzamm fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew moghdija, li ma tkunx proprjetà privata:
Izda l-manutenzjoni ghar-rigward ta' xi triq jew moghdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar taghha, izda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni taghha;..

"(*d*) li jipprovdi u jzomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa, skond livelli nazzjonali u internazzjonali, li jinstalla u jzomm funzjonali *bus shelters* skond *standards* u specifikazzjonijiet stipulata mill-awtorità tat-trasport kompetenti, li jistabbilixxi u jzomm fi stat tajjeb postijiet ghal nies bil-mixi u ghall-ipparkeggjar u biex jipprovdi ghall-harsien tat-tfal ta' l-iskola qrib l-iskejjel;

"Minn imkien ma jirrizulta li dan l-artikolu jaghti s-setgha lil Kunsill Lokali li jiddiskrimina favur ir-residenti ta' lokalita'. Kull min ihallas l-istess ammont ghall-licenzja huwa intitolat ghall-istess drittijiet. Wiehed irid jiftakar li l-Isptar San Luqa jilqa' cittadini ta' Malta minn kull lokalita' ta' Malta u Ghawdex. Il-kaz setgha jkun differenti kieku

f'Malta kollha l-Kunsilli jaghtu trattament preferenzjali lir-residenti taghha."

## L-appell

**7.** Il-Kunsill Lokali Pieta` appella minn din is-sentenza. Minn dak li setghet tifhem din il-Qorti mir-rikors ta' l-appell – rikors li ma hux xempju ta' lucidita` f'dawk li huma esposizzjoni w argumentazzjoni legali – l-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Illi l-appellata kienet legalment impeduta milli tittenta l-proceduri odjerni, billi ghalkemm hija kellha l-mezzi idoneji sabiex tipprotegi d-drittijiet taghha quddiem it-Tribunal Lokali ta' l-Imsida, hija ghazlet li ma taghmilx uzu minn dawn il-mezzi, u ghalhekk giet meqjusa mit-Tribunal li ammettiet l-akkuza kif previst fl-Artikolu 7 tal-Kap. 291.

2. Illi l-Kunsill kellu u ghandu fil-present id-dritt sabiex jintroduci regolamenti dwar skemi ta' parkeggjar ikkontrollat, in vista tal-fatt illi tali dritt huwa moghti lilu kemm abbazi ta' l-Artikolu 34 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali sabiex jiehu dawk il-mizuri necessarji sabiex ihares u jnaqqas l-inkonvenjenzi fil-lokalita` tieghu, kif ukoll id-dritt moghti lilu sabiex isiru tali skemi bl-Avviz Legali 293 ta' l-2001, intitolat 'Regolament dwar Skemi ta' Ipparkjar Ikkontrollat (Residenzjali u Kummercjali)'. Il-Kunsill jallega wkoll li l-iskema ddahlet bil-permess in iskritt ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta.

3. Illi ma huwiex korrett l-argument ta' l-ewwel Qorti fejn qalet illi *"dak li ghamel il-Kunsill kien li jivvantagga lir-residenti ta' lokalita` fuq dawk ta' lokalita` ohra u ma hemm l-ebda interess pubbliku."*

4. Illi, f'kaz li l-appellata intavolat il-kawza taghha a bazi ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta – stante li l-appellati naqsu milli jindikaw taht liema disposizzjoni tal-ligi intavolaw il-kawza odjerna – allura l-azzjoni kellha issir fi zmien sitt xhur minn meta l-atturi saru jafu bl-eghmil amministrattiv u ghalhekk l-azzjoni ghandha titqies preskritta ai termini ta' l-Artikolu 469A(3).

**8.** Jigi rilevat illi fir-rikors ta’ l-appell, l-aggravji hawn fuq elenkati bhala aggravji 2 u 3 huma kkunsidrati taht il-kappa ta’ aggravju wiehed, izda din il-Qorti hi tal-fehma li fil-fatt dawn huma zewg aggravji bbazati fuq zewg argumenti distinti.

**9.** Fir-risposta ta’ l-appell taghhom, l-appellati jissottomettu preliminarjament illi r-rikors ta’ l-appell huwa irritu u null ghaliex il-Kunsill appellant ma talabx lill-Qorti ta’ l-Appell <u>tirriforma</u> jew <u>timmodifika</u> jew <u>tvarja</u> s-sentenza appellata. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-appellati ssottomettew illi s-sentenza appellata hija gusta u korretta, u timmerita li tigi konfermata.

**<u>L-eccezzjoni tan-nullita` ta’ l-appell</u>**

**10.** Fir-risposta ta’ l-appell taghhom, l-appellati jissottomettu preliminarjament illi r-rikors ta’ l-appell huwa irritu u null ghaliex il-Kunsill appellant ma talabx lill-Qorti ta’ l-Appell <u>tirriforma</u> jew <u>timmodifika</u> jew <u>tvarja</u> s-sentenza appellata. L-Artikolu 142(2) tal-Kap. 12 jippreskrivi illi r-rikors ta’ l-appell *“ghandu jkun fih t-talba ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata jew ta’ xi parti minnha.”* L-Artikolu 143(2), imbaghad, jispjega illi *“Ir-rikors ghat-tibdil tas-sentenza ghandu jkun fih riferenza ghat-talba u ghas-sentenza li tkun qeghda tigi appellata u ghandu jfisser, wiehed wiehed ghalih, il-kapi tas-sentenza li jsir ilment minnhom flimkien ma’ ragunijiet dettaljati ghaliex ikun qieghed isir l-appell u, fl-gheluq tieghu, ghandu jinghad, specifikatament, it-tibdil tas-sentenza li jintalab dwar kull kap.”*

**11.** Issa r-rikors ta’ l-appell odjern fih ir-riferenza ghat-talba u ghas-sentenza appellata, kif ukoll spjegazzjoni ta’ l-aggravji tal-kapi tas-sentenza li l-Kunsill appellant qieghed jilmenta minnhom, pero` fl-eghluq tieghu ma jitlobx specifikatament lill-Qorti ta’ l-Appell <u>tirriforma</u> jew <u>timmodifika</u> jew <u>tvarja</u> s-sentenza appellata. Minflok il-Kunsill appellant qed jitlob li l-Qorti ta’ l-Appell *“joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata tal-31 ta’ Jannar 2007 fejn dina cahdet l-ewwel talba ta’ l-atturi fil-waqt illi*

*tannulla tikkancella u tirrevoka l-istess sentenza appellata fejn laqghet it-tieni, it-tielet, raba' u hames talba ta' l-atturi u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata."*

**12.** Ghandu jkun ghalhekk evidenti, jekk wiehed ma jridx jitkessah b'formalizmu ezagerat, li t-talba kontenuta fl-gheluq tar-rikors ta' l-appell odjern tissodisfa l-vot ta' l-Artikolu 143(2) billi fiha jinghad specifikatament it-tibdil tas-sentenza li l-Kunsill appellant qieghed jitlob. Il-fatt li l-Kunsill appellant ma uzax espessament il-kelma "tibdil" kif previst fl-Artikolu 142(2) ma huwa ta' l-ebda pregudizzju ghall-appellati, stante li fl-gheluq tar-rikors ta' l-appell tieghu, il-Kunsill appellant jispecifika b'mod dettaljat, liema kap tas-sentenza appellata xtaq li jigi konfermat u liema kapi xtaq li jigu revokati, u ghalhekk ma jistax jinghad li ma giex spjegat b'mod car it-tibdil fis-sentenza li l-Kunsill appellant qieghed jitlob. It-talba tal-Kunsill appellant hija cara u bl-ebda mod ma jista' jinghad illi setghet b'xi mod tippregudika lill-appellati biex jaghmlu d-difiza taghhom fir-risposta ta' l-appell.

**13.** Apparti dan ghandu jinghad illi s-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 143 jaghmilha cara illi: *"In-nuqqas ta' tharis ta' dak li hu mehtieg skond is-subartikolu (1), (2) u (3) ta' dan l-artikolu, ma jaghmilx null ir-rikors; izda, f'kull kaz bhal dan, il-qorti tordna b'digriet lill-appellant biex jipprezenta, fi zmien jumejn, nota li jkun fiha l-partikolaritajiet mehtiega mil-ligi u li ma jkunux ingiebu regolarment fir-rikors."* Kif diga` inghad, ir-rikors ta' l-appell jispjega b'mod car u inekwivoku t-tibdil fis-sentenza li l-Kunsill appellant qieghed jitlob, u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega ghal tali digriet.

**14.** Ghalhekk din l-eccezzjoni hija wahda frivola u qed tigi respinta; barra minn hekk ser tigi riflessa fil-kap ta' l-ispejjez ghax mhux gust li dak li jkun jahli z-zmien tal-Qorti b'eccezzjonijiet bhal dawn.

**15.** Il-Qorti ser tghaddi issa biex tikkonsidra l-aggravji tal-Kunsill appellant. Logikament ghandu l-ewwel jigi trattat ir-raba' aggravju li jikkoncerna il-kwistjoni jekk l-azzjoni

attrici hijiex preskritta jew le, billi naturalment, jekk dan l-aggravju huwa gustifikat, ikun inutli li din il-Qorti tinoltra ruhha fit-tlett aggravji l-ohra.

**<u>Ir-raba' aggravju</u>**

**16.** F'dan l-ahhar aggravju, il-Kunsill appellant jghid illi, f'kaz li l-appellata intavolat il-kawza taghha a bazi ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta – stante li l-appellati naqsu milli jindikaw taht liema disposizzjoni tal-ligi intavolaw il-kawza odjerna – allura l-azzjoni kellha issir fi zmien sitt xhur minn meta dak li jkun ikun sar jaf bl-eghmil amministrattiv u ghalhekk l-azzjoni ghandha titqies preskritta ai termini ta' l-Artikolu 469A(3).

**17.** Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li ghalkemm huwa veru li l-appellati naqsu milli jindikaw taht liema disposizzjoni tal-ligi intavolaw il-kawza odjerna, ma jistax ikun hemm dubju li din il-kawza setghet biss tigi intavolata a bazi ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, stante li huwa biss dan l-artikolu li jaghti gurisdizzjoni lill-Qrati ordinarji li jissindikaw il-validita` tad-decizjonijiet mehuda mill-Kunsilli Lokali[2]. Issa kif sewwa jirreleva l-Kunsill appellant, l-Artikolu 469A(3) jippreskrivi illi *"Kawza biex twaqqa' eghmil amministrattiv taht is-subartikolu (1)(b) ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-eghmil amministrattiv."* Illum il-gurnata huwa stabbilit, li z-zmien ta' sitt xhur imsemmi f'dan l-artikolu huwa wiehed ta' dekadenza, u mhux ta' preskrizzjoni[3], u ghaldaqstant id-disposizzjonijiet dwar il-preskrizzjoni kontenuti fil-Kodici Civili ma japplikawx ghalih.

**18.** Peress illi l-Kunsill appellant ma issollevax din l-eccezzjoni fil-proceduri in prim istanza, u issolleva dan l-argument – ghax strettament ma nghatatx bhala eccezzjoni formali – ghall-ewwel darba fir-rikors ta' l-appell tieghu, tqum il-kwistjoni jekk dan l-argument jistax

---

[2] Ara d-definizzjoni ta' "eghmil amministrattiv" u "awtorita` pubblika" fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

[3] Ara **Roberto Zamboni noe v. Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-31 ta' Mejju 2002 mill-Qorti ta' l-Appell.

jigi sollevat ghall-ewwel darba f'dan l-istadju ta' l-appell. Fil-fatt, fir-risposta taghhom l-appellati qeghdin jissottomettu illi l-Kunsill appellat huwa prekluz milli jissolleva eccezzjoni dwar id-dekadenza, stante li din l-eccezzjoni ma gietx sollevata in prim istanza.

**19.** Issa, anke jekk dan l-argument tal-Kunsill appellant jitqies bhala eccezzjoni, din l-eccezzjoni issa mqanqla fir-rikors ta' l-appell tad-dekadenza ta' l-azzjoni hi wahda perentorja tal-gudizzju, u mhux wahda perentorja merament tal-mertu ghal liema japplika l-Artikolu 732 tal-Kap. 12[4]. Konsegwentement, in kwantu din l-eccezzjoni ta' dekadenza hija eccezzjoni perentorja tal-gudizzju, ghal finijiet ta' l-istadju li fiha kellha tigi sollevata ghandha titqies bhala eccezzjoni dilatorja, u kien jehtieg li titqajjem *in limine litis*. Dan anke ghaliex fir-rigward taghha ma tezisti ebda disposizzjoni espressa li tipprovdi xort'ohra (Artikolu 731 tal-Kap. 12), bl-invers ta' dak li nsibu fir-rigward tal-preskrizzjoni (ara Artikolu 2112 tal-Kodici Civili). La din l-eccezzjoni ma tqajmitx fl-istadju bikri tal-kawza, din ghandha titqies rinunzjata[5].

**20.** Ghaldaqstant dan l-aggravju ghandu jigi michud.

## L-ewwel aggravju

**21.** Fl-ewwel aggravju tieghu, il-Kunsill appellant jissottometti illi l-appellata kienet legalment impeduta milli tittenta l-proceduri odjerni, billi ghalkemm hija kellha l-mezzi idoneji sabiex tipprotegi d-drittijiet taghha quddiem it-Tribunal Lokali ta' l-Imsida, hija ghazlet li ma taghmilx uzu minn dawn il-mezzi, u ghalhekk giet meqjusa mit-Tribunal li ammettiet l-akkuza kif previst fl-Artikolu 7 tal-Kap. 291.

---

[4] L-Artikolu 732 tal-Kap. 12 jipprovdi illi *"...l-eccezzjonijiet perentorji jistghu jinghataw ukoll fil-grad ta' l-appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti ta' l-ewwel grad."*

[5] Ara fl-istess sens **Geswalda Saliba v. Mario Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) fid-9 ta' Lulju 2008, **Atlas Insurance Agency Limited noe v. Cassar & Cooper (CI) Limited et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru 2006, u **Paul Aquilina v. J.J. Scerri Co. Ltd.** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) fit-30 ta' Jannar 2009. Ara wkoll **Carmela Farrugia v. Avukat Dott. Grazio Mercieca LL.D. *noe*** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-22 ta' Gunju 1988.

**22.** Huwa minnu li quddiem it-Tribunal ma kienx hemm kontestazzjoni, u, allura, il-persuna li fil-konfront taghha jkun inhareg it-*ticket* hi meqjusa li tkun ammettiet il-kontravvenzjoni. Pero` hawn il-kwistjoni hi jekk kienx hemm is-setgha jew *vires* biex il-Kunsill jipprojbixxi certu parkeggjar b'mod li min imur kontra dik il-projbizzjoni jinkorri f'penali. Ghalhekk l-ammissjoni *ope legis* u l-eventwali hlas li sar biex issir ir-renova tal-licenzja b'ebda mod ma jipprekludi lil dik il-persuna milli tikkontesta s-setgha jew il-*vires* hawn aktar 'l fuq imsemmija.

**23.** Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

**24.** Permezz ta' dan l-aggravju l-Kunsill appellant jissottometti illi l-huwa kellu u ghandu fil-present id-dritt sabiex jintroduci regolamenti dwar skemi ta' parkeggjar ikkontrallat, in vista tal-fatt illi tali dritt huwa moghti lilu kemm abbazi ta' l-Artikolu 34 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (sabiex jiehu dawk il-mizuri necessarji sabiex ihares u jnaqqas l-inkonvenjenzi fil-lokalita` tieghu), kif ukoll id-dritt moghti lilu sabiex isiru tali skemi bl-Avviz Legali 293 ta' l-2001 intitolat 'Regolament dwar Skemi ta' Ipparkjar Ikkontrollat (Residenzjali u Kummercjali)'. Il-Kunsill jallega wkoll li l-iskema iddahlet bil-permess in iskritt ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta.

**25.** Jigi rilevat mill-ewwel li l-allegazzjoni fir-rikors ta' l-appell li l-iskema *de quo* ddahlet bil-permess in iskritt ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta saret l-ewwel darba propju f'dan ir-rikors ta' l-appell u ma issib komfort fl-ebda provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti; anzi il-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti jindikaw proprju l-oppost. Fil-fatt fix-xiehda tieghu *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti, Dott. Malcolm Mifsud, allura Sindku tal-Kunsill appellant, xehed hekk:

*"Mistoqsi dwar jekk il-Kunsill Lokali tal-Pieta kellux il-permess tal-ADT biex fil-fatt idahhal dawn ir-regoli fis-sehh jew le, nirrispondi li fil-fehma taghna ma kienx rikjest dan il-permess. Kienu saru xi inkontri u anke possibilment*

*hemm xi korrispondenza li nipprometti li nipprova nsib u nesebixxi dwar dan l-aspett.”* [6]

Jekk fil-fatt kien hemm tali korrispondenza, din qatt ma giet ezebita fil-proceduri in prim istanza, u lanqas fl-istadju ta’ l-appell. Sussegwentement, fl-affidavit tieghu, l-istess Dott. Malcolm Mifsud xehed hekk:

*“Ghar-rigward jekk kien hemm bzonn permess minn xi awtorita`, rajna l-ligi tal-Kunsilli Lokali, u kkonkludejna li ma kienx hemm bzonn bye-laws u di piu` ma kienx hemm bzonn ta’ permessi mill-Awtorita` dwar it-Trasport ghaliex fil-ligi ma kienx hemm mekkanizmu jew procedura ghal permessi mill-Awtorita`. L-aktar importanti l-att dwar il-Kunsilli Lokali, 1993, jipprovdi li l-Kunsilli Lokali jistghu jaghmlu sinjali tat-traffiku u dan ezattament li ghamilna.”* [7]

**26.** Fid-dawl ta’ din ix-xiehda tas-sindku tieghu, din il-Qorti ma tistax tifhem kif f’dan l-istadju l-Kunsill appellant qieghed jallega fir-rikors ta’ l-appell tieghu li kellu l-approvazzjoni in iskritt ta’ l-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta, liema approvazzjoni fi kwalunkwe kaz la giet prodotta fil-proceduri in prim istanza u lanqas f’dan l-istadju ta’ l-appell. Ghalhekk, fl-ahjar ipotezi ghall-Kunsill appellant, din l-allegazzjoni hija manifestament infondata.

**27.** Il-Kunsill appellant jissottometti wkoll illi huwa kellu l-poter li jniedi tali skema ta’ parkeggjar ikkontrollat in virtu` ta’ l-Artikolu 34 tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Avviz Legali 293 ta’ l-2001. Ghal darb’ohra dan huwa argument gdid li gie mqanqal ghall-ewwel darba fir-rikors ta’ l-appell. L-Artikolu 34(1) tal-Kap. 363 jipprovdi illi: *“(1) Kunsill jista’ jaghmel, jemenda jew jirrevoka bye-laws sabiex jaqdi l-funzjonijiet tieghu u sabiex ihares u jnaqqas inkonvenjenzi fil-lokalità tieghu.”* Issa ma jista’ qatt ikun li l-iskema ta’ l-ipparkeggjar riservat in kwistjoni saret in forza ta’ dan l-artikolu, ghaliex m’hemmx dubju li din l-iskema ma gietx inmnedija in forza ta’ *bye-law,* izda in forza ta’ decizjoni tal-Kunsill appellant mehuda waqt wahda mil-laqghat

[6] Ara x-xiehda ta’ Dott. Malcolm Mifsud fis-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2005, a fol. 24 tal-process.
[7] Ara fol. 33 tal-process.

tieghu[8]. L-Artikolu 35 tal-istess ligi jippreskrivi dettaljatament il-procedura li ghandha tigi segwita meta l-Kunsill ikun irid jaghmel *bye-law*, liema procedura certament ma gietx segwita fil-kaz odjern. Wara kollox, kif xehed is-Sindku tal-Kunsill appellant – kif stqarr is-Sindku – fl-opinjoni tal-Kunsill *"ma kienx hemm bzonn bye-laws".* Ghalhekk dana l-argument huwa ghal kollox infondat.

**28.** Fl-ahharnett il-Kunsill appellant jissottometti li huwa kellu d-dritt li jiehu tali decizjoni in forza ta' l-Avviz Legali 293 ta' l-2001 intitolat *"Regolamenti dwar Skemi ta' Ipparkjar Ikkontrollat (Residenzjali u Kummercjali)"* imniedi fis-26 ta' Novembru 2001. Dawn ir-regolamenti saru in forza tal-poteri moghtija bl-Artikolu 33(d) u 72 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali u l-Artikolu 54 ta' L-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja u l-Kunsilli Lokali u l-Ministru responsabbli ghat-Trasport u l-Kommunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta.

**29.** Ir-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 293 ta' l-2001 jipprovdi illi:

*"Tista' tigi mwaqqfa zona kkontrollata wahda jew aktar gewwa xi lokalita ta' Kunsill skond ma jista' jigi indikat* ***fl-Ewwel Skeda*** *li fiha jew fihom:*
*(a) residenti ta' dik iz-zona li jkun inhargilhom* ***permess ta' residenti ghar-rigward tal-vettura taghhom kif muri fit-Tieni Skeda****, jistghu dejjem jipparkjaw dik il-vettura bil-permess minghajr ebda restrizzjoni ta' spazju okkupat u perjodi preskritti.*
*(b) residenti ta' dik iz-zona li lilhom inhareg permess ta' residenti ghar-rigward tal-vettura tieghu* ***kif muri fit-Tieni Skeda*** *jista' dejjem jipparkja dik il-vetura bil-permess jew f'dik iz-zona jew f'xi zona ohra gewwa l-istess lokalita` ta' Kunsill minghajr ebda restrizzjoni ta' spazju okkupat u perjodu preskritti;*
*(c) is-sewwieq ta' vettura bla permess ma jistax jipparkja dik il-vettura matul xi perjodu preskritt* ***indikat fl-Ewwel Skeda*** *u kif muri f'sinjal tat-traffiku kif indikat fit-*

[8] Ara estratt mill-minuti tal-laqgha tal-Kunsill Lokali Pieta a fol. 35 tal-process.

*Tielet Skeda kemm-il darba huwa ma jikkonformax ruhu mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti."* (enfasi ta' din il-Qorti).

**30.** Dawn ir-regolamenti certament jikkontemplaw u jirregolaw skemi ta' parkeggjar ikkontrollat fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali. Pero` wiehed irid jara jekk l-iskema introdotta mill-Kunsill appellant gietx introdotta kif preskritt fl-istess regolamenti. Minn dak li diga` nghad iktar 'il fuq huwa ovvju li dan ma sarx, ghax kif xehed is-sindku tal-Kunsill appellant stess, l-iskema giet imnedija fuq decizjoni semplici tal-Kunsill, minghajr l-approvazzjoni ta' l-ebda awtorita` ohra. Sabiex Kunsill Lokali jkun jista' jimplimenta tali skema ta' parkeggjar ikkontrollat ai termini ta' l-Avviz Legali 293/2001 irid ikun gie indikat fl-Ewwel Skeda tar-Regolamenti kif preskritt mar-regolament 3(1) ta' l-istess Avviz fuq citat. L-Ewwel Skeda ta' dan l-Avviz Legali telenka biss il-Kunsilli Lokali tar-Rabat (Citta Victoria) u Fontana Ghawdex, u z-zoni ikkontrollati go dawn iz-zewg kunsilli lokali. Wisq inqas jista' jinghad li l-permess li hareg il-Kunsill appellant lir-residenti tal-Pieta` kien konformi mar-regolament 4 u mat-Tieni Skeda ta' l-Avviz Legali 293/2001.

**31.** Ghaldaqstant, ghal darb'ohra, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tigbid ta' l-immaginazzjoni jista' jinghad li l-Kunsill appellant kellu l-poter li jintroduci l-iskema ta' ipparkjar li fuqha hemm il-vertenza odjerna in virtu ta' l-Avviz Legali 293/2001. Dan l-Avviz Legali setgha potenzjalment awtorizza din l-iskema, kieku l-Kunsill appellant talab lill-awtoritajiet kompetenti li l-Kunsill Lokali tal-Pieta` jigi inkluz fl-ewwel Skeda ta' dan l-Avviz Legali, u li kieku wara li giet milqugha din it-talba, saru l-emendi necessarji f'din l-ewwel Skeda. Izda dan ma sarx, u ghalhekk l-iskema in kwistjoni ma tistax hlief titqies bhala *ultra vires* id-disposizzjonijiet ta' dan l-Avviz Legali, u *ultra vires* il-poteri moghtija lill-Kunsill appellant mill-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

**32.** A skans ta' ekwivoci, jigi rilevat li fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti – pero` mhux fl-istadju ta' l-appell – il-Kunsill appellant kien issottometta li huwa kellu l-poter iniedi din l-

iskema minghajr l-awtorizzazzjoni ta' hadd, ghaliex l-Att dwar il-Kunsilli Lokali kien jawtorizzah jaghmel sinjali tat-traffiku[9]. Issa huwa vera li l-Artikolu 33(1)(d) tal-Kap. 363 jipprovdi illi wahda mill-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali hija *"li jipprovdi u jzomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa, skond livelli nazzjonali u internazzjonali, ... ... li jistabbilixxi u jzomm fi stat tajjeb postijiet ghal nies bil-mixi u ghall-ipparkeggjar ... ...",* izda fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jfissirx li l-Kunsill ghandu l-poter li, minghajr awtorizazzjoni ta' hadd, jintroduci skemi ta' parkeggjar ikkontrollat – bazikament li jikkapparra spazji ghall-uzu esklussiv tar-residenti tieghu. Dan gie ammess ukoll mill-istess Kunsill appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu fejn jghid li *"huwa cert illi l-Att jimponi fuq il-Kunsill Lokali l-obbligu illi **jipproponi** lill-awtoritajiet kompetenti tibdil fi skemi tat-traffiku li jolqtu direttament il-lokalita`, u dana kif jipprovdi l-artikolu 33e (*recte 33(1)(e)) *tal-istess Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta."* (enfasi mizjud).

**33.** Hemm bahar jaqsam bejn li l-Kunsill jipproponi lill-awtoritajiet kompetenti tibdil fi skemi tat-traffiku ghal li jimplimenta tali skemi tat-traffiku u ta' parkeggjar, minghajr awtorizzazzjoni ta' hadd, kif ghamel il-Kunsill appellant fil-kaz odjern. Wiehed jippresupponi li l-iskop wara l-ipprumulgar ta' l-Avviz Legali 293/2001 kien proprju sabiex il-Kunsilli Lokali ikunu jistghu "jipproponu" lill-awtoritajiet kompetenti tibdil fi skemi tat-traffiku u pparkeggjar ikkontrollat, u jekk dawn l-awtoritaijiet jaqblu, isiru l-emendi necessarji ghall-ewwel Skeda ta' dan l-Avviz Legali.

**34.** Fir-risposta ta' l-appell taghhom[10] l-appellati jissottomettu li ma jista' qatt jigi ritenut li r-regolamenti kontenuti fl-Avviz Legali 293/2001 jaghtu lil xi Kunsill Lokali l-poter li jintroduci skemi diskriminatorji a skapitu ta' cittadini li ma jkunux tal-lokal. Dan l-avviz legali ma jaghtix lil xi Kunsill li *marte proprio* jintroduci skemi ta' parkeggjar ikkontrollat li jiffavorixxi r-residenti tieghu. Pero` l-awtoritajiet kompetenti jistghu f'kull waqt jemendaw l-

[9] Ara affidavit ta' Dr Malcolm Mifsud a fol. 33 tal-process.
[10] A fol. 73 tal-process.

ewwel Skeda ta’ dan l-Avviz Legali biex jinkludu zoni ohra f’lokalitajiet ohra, fejn l-ipparkeggjar jigi ikkontrollat b’mod li jiffavorixxi r-residenti ta’ dawk il-lokalitajiet. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dan l-istadju ta’ l-appell certament m’huwiex il-lok fejn tista’ tigi diskussa l-legalita` u l-validita` ta’ dan l-Avviz Legali.

**35.** Ghalhekk dan it-tieni aggravju qed jigi wkoll respint.

**<u>It-tielet aggravju</u>**

**36.** Permezz ta’ dan l-aggravju l-Kunsill appellant jilmenta illi ma huwiex korrett l-argument ta’ l-ewwel Qorti fejn qalet illi *“dak li ghamel il-Kunsill kien li jivvantagga lir-residenti ta’ lokalita` fuq dawk ta’ lokalita` ohra u ma hemm l-ebda interess pubbliku.”* Galadarba din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi it-tnedija ta’ l-iskema ta’ l-ipparkeggjar ikkontrollat *de quo* kien *ultra vires* il-poteri moghtija mil-ligi lill-Kunsill appellant, huwa inutili li hija toqghod tezamina dan l-aggravju.

**<u>Decide</u>**

**37.** Ghall-motivi premessi, u ghalhekk mhux neccessarjament ghall-istess ragunijiet kollha kif migjuba fis-sentenza appellata, tichad l-appell u tikkonferma dik is-sentenza. L-ispejjez ta’ l-ewwel istanza jibqghu kif hemm decizi; dawk ta’ dan l-istadju ta’ appell ghandom jigu sopportati kwantu ghal disa’ partijiet minn ghaxra (9/10) mill-Kunsill appellant, u decima parti (1/10) mill-appellati solidament bejniethom in vista tal-eccezzjoni frivola tan-nullita` tar-rikors ta’ l-appell minnhom moghtija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------